MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Grazio Muscat
vs
Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fl-1989, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie michud minn promozzjoni minghajr ma kien hemm l-ebda raguni valida.

Illi l-fatti fil-qosor kienu kif gej:
1. Ir-rikorrent impjega ruhu mal-Gvern fid-Dipartiment tax-Xogholijiet f'April ta' l-1979. Huwa dahal jahdem fi Grupp A fil-Marine Section ta' l-istess Dipartiment. Bejn l-1979 u l-1981 hadem bil-"Jack Hammer" fir-Red China Dock f'Laboratory Wharf, fil-Malta ShipBuilding fil-Marsa Power Station u f'postijiet ohrajn. F'Lulju ta' l-1989 ir-rikorrent

minn Grupp A gie mlahhaq “skilled labourer’ fi Grupp B tal-gradi industrijali, pero` bhala fatt baqa’ jaghmel l-istess xoghol.

2. F’Novembru ta’ l-1988 saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-“Miners” fil-grad ta’ Grupp C (Dokument A). Ir-rikorrent applika u ssejjah ghall-“Interview”, billi skond l-imsemmija sejha ghall-applikazzjonijiet inghad illi “applicants will be interviewed and trade tested by a “Selection Board”. Infatti pero` r-rikorrent ma giex assoggettat ghall-ebda “trade test” ghalkemm wara gie mgharraf illi huwa ma kienx ghadda t-“trade test”.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwaru.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi r-rikorrent jigi moghti skond il-proceduri applikabbli l-grad li ghalih huwa kien applika jew grad iehor analogu, b’effett mid-data li fiha r-rikorrent kien eligibbli ghal dak il-grad, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata illi jigi ordnat il-hlas ta’ kumpens xieraq r-rikorrent mhux eccedenti s-somma ta’ hamest elef Liri Maltin (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru li eccepixxa illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment stante li l-ilment jikkoncerna l-amministrazzjoni ordinarja tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, liema dipartiment diga ghamel ir-risposta tieghu dwar dan l-ilment.

Ra r-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li eccepixxa illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet

b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala Labourer. Hu lahaq il-grad ta' Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar 1981. Permezz tar-Riforma li sehhet fl-1 ta' Jannar 1991, ir-rikorrent gie assimilat bhala General Hand.

Illi l-procedura stabbilita fir-rigward ta' promozzjonijiet mac-Civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet in partikolari, dejjem kienet tohrog sejha ghall-postijiet vakanti. Fil-kaz tar-rikorrent, is-sejha msemmija hija dik b'numru 130/88 datata 28 ta' Novembru 1988.

Illi r-rikorrent applika ghal din is-sejha partikolari u nghata n-numru 111 bhala n-numru ta' referenza. Hu applika ghal tlett posizzjonijiet cioe` dik ta' Supervisor, Miner u Telephonist. Eventwalment ir-rikorrent irtira l-applikazzjoni tieghu fejn jikkoncerna Supervisor u Telephonist u gab 47 marka fil-kamp ta' Miner.

Illi r-rikorrent naqas li jikkwalifika jew li jilhaq il-kriterji pristabbiliti mill-Bord kompost jigifieri li jgib marka oghla minn dik ta' 50.

Il-Bordijiet rispettivi appuntati biex jiddeterminaw min kien jikkwalifika ghas-sejhiet hawn fuq imsemmija kienu komposti minn Chairman, membru tad-Dipartiment u rapprezentant ta' l-Establishments.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi <u>r-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti dikjarati fid-rikors. Semma li meta kien stazzjonat fil-bacir tar-Red China Dock kien jaghmel ix-xoghol tal-kanali

ghall-cables taht is-supervizzjoni tal-Perit Charles Cassar. Meta tlesta dak ix-xoghol beda jahdem gewwa l-Marsa Shipbuilding fejn hadem bil-jack hammer taht is-supervizzjoni ta' l-istess Perit Cassar. Wara mar il-Marsa Power Station fejn baqa' jaghmel l-istess xoghol. Wara baghtuh jahdem fuq barra mal-bahar. Ir-rikorrent dar hafna max-xtut u l-molijiet ta' Malta u x-xoghol kien jikkonsisti fi tqattiegh ta' blat u konkos u hawn kien taht is-supervizzjoni tal-Perit Grixti Soler. Meta harget l-applikazzjoni ghall-miners fil-grad ta' Grupp C ir-rikorrent kien applika fejn kienu baghtu ghalih ghall-interview. Waqt li kien qed jistenna biex jaghmel it-trade test gie nfurmat li ma kienx ghadda minn dan it-test allavolja ma kienx ghadu ghamlu. Semma li t-trade test baqa' ma ghamlux u meta hareg ir-rizultat irrizulta li m'ghaddiex u li mit-trade test gab 18-il marka. Qal li mhux hu biss m'ghamilx it-trade test imma lil kull min kellem kollha m'ghamluhx. Qal li ma jafx li tezisti trade licence.

Xehed <u>John Farrugia</u> Assistant Technical Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Marine Section li semma li jaf lir-rikorrent mill-1986 fil-Marine Section. Xoghlu r-rikorrent kien ta' miner, shuttering, construction kif ukoll xoghol ta' concrete. Qal li hu kien jigi l-foreman tar-rikorrent u meta ma kienx ikun prezenti, ir-rikorrent kien ikun qisu leading man ghax kellu fiducja fih. Qal li r-rikorrent kien l-uniku wiehed li kien jagixxi bhala leading man. Qal li lilu hadd ma avvicinah fuq il-kaz tar-rikorrent la mis-selection board u l-anqas mid-dipartiment. Semma li t-trade test kien ikun test prattiku.

Xehed <u>Anthony Cassar</u> Works Manager inkarigat mill-Marine Section tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li semma lir-rikorrent jafu kemm ilu fil-Marine Section. Ikkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' mining u kien jahdem bil-jack hammer fi tqattiegh ta' blat. Qal li hu ma kellu ebda sehem fis-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal miner fi Group C. Hu ma kienx ikkonsultat la mid-dipartiment u l-anqas selection board fir-rigward ta' dawk is-sejhiet. Qal li l-applikanti kienu sottomessi ghall-interview li kien distint mit-Trade Test u f'dak it-test huma riedu jaghmlu test prattiku. Ma jafx jekk kienx sar dak it-trade test.

Xehed James Catania Principal fl-MPO u qal li Trade Testing ifisser li l-individwu jinghata bicca xoghol biex jigi ezaminat x' jaf u x' ma jafx. Ma setax isib records dwar xi procedura ntuzat fit-Trade Testing. Il-bord kien kompost mis-Sur Anthony Sammut chairman, mis-Sur Charles Meilaq u mis-Sur Frederick Azzoppardi mill-Works Department bhala membri u s-Sur Stephen Spiteri bhala rapprezentant tal-MPO.

Xehed Anthony Sammut li meta xehed kien irtirat mis-Servizz Civili. Meta kien fis-Servizz Civili kien Works Manager fil-Public Works Department. Dwar l-applikazzjoni tal-1988 ghal Miners qal li din kienet wahda mill-unici okkazjonijiet li kien appuntat bhala membru ta' bord. Hu kien ic-Chairman tal-Bord u membri kienu tlieta. Il-bord kellu jaghmel domandi relattivi ghat-trade li jkun intghazel mill-kandidat. Huma ghamlu interview biss u ma ghamlux trade tests. Wara l-interviews ghaddew il-karti kollha lill-Personnel u ma semghu xejn aktar. Huma ma kellhomx struzzjonijiet biex jaghmlu trade test izda biex jaghmlu l-interview biss. Il-Personnel tawhom il-lista tal-applikanti kollha. Il-konkluzjoni waslu ghaliha permezz tad-domandi li staqsew. Qal li hu u Tony Meilaq kienu persuni teknici fil-bord. Rigward kriterji qal li per ezempju fil-kaz ta' Miner staqsew x' inhuma d-doveri ta' miner. Huma qaghdu fuq dak li qalulhom l-applikanti waqt l-interview u mbaghad wara li johrog l-applikant jaghtu l-punti dak il-hin stess. Ma dehrlux li kien hemm marki allokati specifikament ghat-Trade Test. Il-marki li naghataw ghat-Trade Test ma kienux tawhom huma u qal li huma kienu l-uniku bord fuq dawn il-promozzjonijiet tal-1988.

Xehed Joseph Grech Skilled Labourer fil-Marine Section fid-Dipartiment tax-Xogholijiet li qal li hu u r-rikorrent ghamlu tnax-il-sena jahdmu flimkien. Bdew jahdmu flimkien ghall-habta tas-snin '80. Ir-rikorrent kellu l-istess grad bhalu izda kien jaghmel ukoll xoghol ta' Chargehand. Dan kien jaghmlu matul iz-zmien li kienu jahdmu flimkien. Maghhom kien hemm John Farrugia li kien aktar oghla fil-grad minnhom u kien jiehu hsieb it-tqassim tax-xoghol.

Zied jghid li jaf li r-rikorrent kien applika ghal sejha li harget fl-1988 ghal Miner. Anke x-xhud kien applika izda t-tnejn li huma ma hadux il-promozzjoni. Qal li kienu gew imsejha ghall-interview u li ma kienx sar Trade Test. Ir-rikorrent kellu l-istess grad bhal tax-xhud izda kien jinghata allowance biex ikun leading man u jmexxi x-xoghol ukoll. L-ordnijiet huma kienu johduhom minghand is-Sur Farrugia li kien il-kbir ta’ fuqhom. Qal li r-rikorrent gieli ghamel xoghol bil-jackhammer.

Xehed <u>Emanuel Cortis</u> rapprezentant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li kkonferma r-risposta tad-Dipartiment. Dwar interviews u ezamijiet ta’ dan it-tip qal li hafna drabi ma jsirx it-Trade Test.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi dan it-Tribunal bil-fors ikollu jibda billi jaghmel referenza ghad-decizjoni tieghu moghtija fl-24 ta’ Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet Paul Sciberras vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici et rikors numru 834/97 fejn qal:

“Ir-rikorrent ilmenta li hu ghamel snin shah jahdem bhala Drainage Worker ghalkemm il-grad tieghu fil-fatt kien ta’ Skilled Worker u ghalhekk b’ salarju u allowances anqas. Meta ghamel l-interview gab 46 marka u gie minn ta’ quddiem izda kienu biss l-ewwel tlieta li hadu l-promotion. Irrizulta li kellu esperjenza u jahdem ma’ Urry li kien wiehed mit-tlieta li hadu l-promozzjoni. Irrizulta wkoll li xoghlu kien tajjeb u li fil-fatt ghalkemm huwa kellu r-rank ta’ Skilled Worker bhala stat ta’ fatt kien jaghmel xoghol ta’ Drainage Worker.

Illi kif jirrizulta minn Dokument 2 a fol 9 tal-process li hija OPM Circular 130/88 Klawsola 5 “Applicants will be interviewed and Trade-Tested by a Selection Board to assess their suitability for the post/s for which they wish to be considered…” Illi rrizulta kemm fl-affidavit tar-rikorrent kif ukoll mix-xhieda ta’ Walter Attard Principal fil-Personnel tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li dan sar kontra dak li ssemmi l-applikazzjoni ma sar lil hadd la lir-rikorrent u anqas lil xi haddiema ohra. Fil-fatt ir-rikorrent tat-Trade Test nghata 18 out of 40. Hu ovvju li

dan kollu ma setax isir ghax ma jirrizulta minn imkien li l-membri tal-bord kellhom id-dritt ivarjaw l-OPM Circular u dana seta' facilment sewa ta' pregudizzju u ghalhekk ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent inghata 18 minn 40 tat-Trade Test meta hu jahdem u ilu jahdem ghal snin shah ta' Drainage Worker ghalkemm ma kellux dan ir-rank. Meta t-Tribunal iqis li kull ma kien il-boghod biex jghaddi kien 4%, meta wiehed iqis il-fatturi fuq imsemmija, bil-fors li t-Tribunal ihoss li r-rikorrent ghandu jinghata 4 marki ohra u b' hekk jilhaq il-pass mark tal-50 fil-mija. Mhux gust li meta l-applikazzjoni ssemmi Trade Test dan ma jsirx specjalment fil-kaz ta' persuna li tkun ghamlet snin shah tahdem fuq dan is-suggett."

It-Tribunal josserva li bhal fil-kaz ta' Sciberras, ir-rikorrent dahal jahdem mal-Gvern f'April 1979, sar Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar 1981. It-Tribunal m' ghandux ghalfejn joqghod jirrepeti dak li gja esprima fil-kawza ta' Sciberras ghax kif jista' jkun li talloka marki ghat-Trade Test meta tali Trade Test ma sarx. Ir-rikorrent gab 47 marka meta l-pass mark kienet 50. Ir-rikorrent inghata 18 minn 40 fi Trade Test li qatt ma sar u dan it-Tribunal ghadu mbellah sal-lum kif meta qatt ma sar dan it-Trade Test Mangion, Mercieca, u Portelli nghataw 25, Sammut 21 u l-ohrajn 18, 17 jew 16.
It-Tribunal josserva li r-rikors gie intavolat kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, u s-Segretarju Amministrattiv. Fl-eccezzjoni tieghu s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru eccepixxa illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment stante li l-ilment jikkoncerna l-amministrazzjoni ordinarja tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, liema dipartiment diga ghamel ir-risposta tieghu dwar dan l-ilment.

Illi dan it-Tribunal hu marbut bl-Artikolu 181B tal-Kap. 12 li jsemmi li: "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Ghalhekk il-kawza messha giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u mhux ukoll kontra s-

Segretarju Permanenti li ghalhekk it-Tribunal jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat Direttur tax-Xogholijiet Pubblici ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Miner b'effett mill-istess data li nghatat il-kariga lil min ikkwalifika insegwitu tas-sejha 130/88 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat Direttur tax-Xogholijiet Pubblici hlief ghal dawk tas-Segretarju Permanneti li huma a karigu tar-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------